MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Numru. 514/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Andre Falzon u**
**Sean Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet ta' dina l-Qorti tat-22 ta' Frar 2012 - migjuba kontra:

Andre Falzon, ta' 22 sena, iben Desmond u Helen Lorna nee Baldacchino, imwieled Pieta nhar is-17 ta' Awissu 1986, residenti Blackman Crt, Flt 1, Triq Mimosa, Pieta u/jew 21, Flt.13, Brookside Crt, Triq Patri Felic Sammut, Qawra, detentur tal-karta tal-Identita numru 401286(M),

U kontra

Sean Farrugia, 20 sena, iben George u Jane nee Vella, imwieled Pieta nhar is-27 ta' Awissu 1989, residenti Springtide, Triq Luigi Onofrio, Birkirkara, detentur tal-karta tal-Identita numru 389789(M),

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 t'Ottubru 2009 u fit-tminn (8) xhur ta' qabel din id-data:

a) assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha) f'dawn il-Gzejjer kontra id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li ippromovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw assocjazzjoni;

b) fornew jew pprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga u ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellhom licenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u mingħajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) talli kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

e) kif ukoll talli kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-razi bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sean Farrugia wahdu:

Kien akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 t'Ottubru 2009 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

f) biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Andre Falzon wahdu:

g) akkuzat talli sar recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dott. D. Clarke, liema decizjoni hija definittiva;

h) talli fit-2 ta' Ottubru 2009 u fit-tminn (8) xhur ta' qabel din id-data, pproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan ai termini tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur u tal-imputat Sean Farrugia, u wara li semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur ta' Andre Falzon.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti li fil-qosor li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn:

- Fit-2 t'Ottubru 2009, il-pulizija arrestat lill-imputat Andre Falzon u Sean Farrugia in konnessjoni ma' pakkett haxixa ippressata li nstabet mohbija fid-dar fejn kien jabita Andre Falzon, wara li omm l-istess Andre Falzon, Helen Lorna Falzon, infurmat lill-pulizija li kellha d-droga gewwa darha. Dan il-pakkett haxixa kien jizen 684 grammi.[1]

[1] Ara xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut a fol. 137 tal-process.

- Fl-istqarrija rispettiva taghhom iz-zewg imputati ammettew li dan il-pakkett haxixa ippressata kienet ittiehdet mill-imputat Sean Farrugia mir-residenza ta' certu David Bajada bhala "rahan", peress li huma allegaw li dan Bajada ma riedx jirritorna lill-imputat Andre Falzon il-kartiera li fiha kellu €400, li Falzon allegatament nesa fir-residenza ta' Bajada. L-imputat Farrugia ghadda dan il-pakkett haxixa lill-imputat Falzon biex dan izommu sakemm Bajada ma jirritornalux il-kartiera bil-flus kollha lura.

- L-imputat Andre Falzon ikkoopera mal-pulizija u accetta li jaghmel konsenja kontrollata. Din il-konsenja saret fl-istess gurnata tat-2 t'Ottubru 2009.

- Permezz ta' din il-konsenja kontrollata, gie identifikat dan David Bajada, u l-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tieghu, fejn instabu diversi bicciet imqatta' ta' raza tal-cannabis kif ukoll numru ta' pjanti zghar tal-pjanta cannabis u numru t'apparat uzat ghat-tkabbir tal-pjanti tal-cannabis.[2]

- Kemm iz-zewg imputati kif ukoll David Bajada ikkonfermaw l-istqarrijiet taghhom bil-gurament, u t-tlieta li huma xhedu f'dawn il-proceduri.

Fl-istqarrija guramentata tieghu,[3] l-imputat Andre Falzon xehed li huwa kien mar ghand David Bajada, li kien joqghod f'penthouse in-Naxxar, ghax l-imputat Sean Farrugia ried ikellmu, u li meta dahlu pogga l-kartiera, il-mobile u c-cwievet fuq il-mejda, u meta hargu halla l-kartiera warajh. X'hin kienu nizlin it-tarag induna li nesa l-kartiera li fiha kellu €400, u regghu telghu ghand Bajada. Falzon qallu li kien nesa l-kartiera ghandu, imma Bajada merieh. Andre Falzon u Bajada gew fl-idejn, izda hin minnhom Sean Farrugia ghamillu sinjal biex jitilqu u hu hekk ghamel. Meta dahlu fil-karozza Sean urieh pakkett bid-droga cannabis u qallu biex qabel ma Bajada itih il-flus

---

[2] Ara ritratti ezebiti fir-rapport ta' PS186 Kristian Mintoff ezebit bhal Dok KM a fol. 47 tal-process.
[3] Ara Dok OD2 fil-process ezebit fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2012.

lura ma jtiehx il-pakkett lura, u Falzon qabel. Ftit tal-hin wara, Bajada cempel lil Sean u Falzon jghid li Sean qal lil Bajada li jekk mhux se jatih (lil Falzon) il-flus lura, mhux se jara l-pakkett lura. Wara baqghu sejrin id-dar ta' Falzon u Falzon zamm il-pakkett, li sussegwentement gie misjub mill-pulizija. Fl-istqarrija guramentata tieghu, Falzon cahad li qatt xtara droga minghand Bajada jew li Bajada qatt tah xi droga b'xejn, ghalkemm gieli ta lil haddiehor. Pero skont Falzon, l-imputat Sean kien jixtri d-droga minghand Bajada, u li dak in-nhar li marru jkellmuh Sean kien baram sigarett tar-raza tal-cannabis li ha minn fuq il-mejda tal-kcina ta' Bajada. Falzon qal ukoll li hu qatt ma biegh droga. Fix-xhieda ulterjuri li ta quddiem il-Magistrat li quddiemha ikkonferma l-istqarrija bil-gurament, Falzon xehed ukoll li hu kien ilu jaf lil Bajada ghal perjodu ta' xaharejn l-aktar, li laqqghuh mieghu shabu tan-Naxxar u li kien jaf li jbiegh id-drogi u ghalhekk qatt ma qallu x'jismu proprju. Hu cahad li qatt biegh id-droga kokaina lil Bajada u cahad ukoll li kien prezenti flimkien ma Sean meta Bajada xtara il-pakkett haxixa – li sussegwentement l-imputati hadulu. Falzon qal li sar jaf li Bajada xtara dak il-pakkett minghand wiehed li jgib il-karozzi minn barra u beda jitkellem mieghu fuq it-telefon, u li Sean kien prezenti meta sar dan id-diskors.

Fl-istqarrija guramentata tieghu,[4] l-imputat Sean Farrugia jghid li madwar gimgha qabel (l-istqarrija) hu u Andre Falzon marru il-penthouse ta' David Bajada – li kien ibiegh ir-rezina u l-haxixa – ghaliex Falzon kien qallu li nesa l-kartiera tieghu ghand Bajada. Bajada innega li kellu xi flus ta' Falzon u Falzon u Bajada bdew jillitikaw u gew fl-idejn. Sakemm dawn it-tnejn kienu qieghdin jiggieldu, Sean beda jfittex ha jara jsibx xi flus u sab il-pakkett tal-haxixa li kien go cupboard tal-kcina. Hu ha l-pakkett u meta kienu nizlin it-tarag urieh lil Andre u dahlu fil-karozza. Sean jghid li Bajada cempel lil Andre – ghax in-numru tieghu (cioe ta' Sean) ma kienx jafu – u Andre qallu li meta jtieh il-flus lura huwa jtieh il-pakkett lura. Sean jghid li Andre zamm il-pakkett ghandu ghaliex hu (Sean) kien hadu bi pjacir ghal siehbu. Sean ammetta li kien hemm okkazzjonijiet fejn hu

[4] Ara Dok OD2 fil-process ezebit fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2012.

xtara il-haxixa jew ir-raza tal-cannabis minghand Bajada – pero hu jghid li xi darbtejn xtara minghandu, u li ma kienx ipejjep regolarment il-haxixa u r-raza tal-cannabis, u li Bajada qatt ma kien tah raza tal-cannabis jew haxixa b'xejn. Mistoqsi jekk Bajada qattx bih droga lil siehbu Andre Falzon, hu wiegeb li ma jafx. Sean qal li qatt ma biegh droga lil hadd. Fix-xhieda ulterjuri li ta quddiem il-Magistrat li quddiemha ikkonferma l-istqarrija bil-gurament, Sean innega li hu biegh d-droga kokaina lil Bajada u innega li hu u Andre agixxew bhala intermedjarji meta Bajada xtara l-pakkett haxixa li huwa (cioe Sean) kien hadlu.

Fl-istqarrija guramentata tieghu,[5] David Bajada jirreferi ghall-imputat Andre Falzon bhala James, pero ma hemmx kontestazzjoni li James u Andre Falzon huma l-istess persuna. Ghalhekk sabiex ma jkunx hemm konfuzjoni, din il-Qorti se tirreferi ghalih bl-isem propju tieghu cioe Andre Falzon. Bajada jghid li kien Andre Falzon li bieghlu 0.7 grammi ta' kokajina xi xahar qabel. Hu jammetti li kellu *addiction* qawwija ghal cannabis tant li beda jikkultiva l-cannabis grass, sabiex inaqqas l-ispejjez. Ammetta wkoll li hu jbiegh jew jaghti haxixa jew rezina tal-cannabis lil madwar 6 persuni li huma hbieb tieghu, sabiex ikollu l-hbieb ghax kien ihossu wahdu.

Bajada spjega li l-pakkett tal-haxixa li l-imputati kienu hadulu kien xtrah tramite l-istess imputati. Huwa spjega kif l-imputat Sean Farrugia kien staqsieh jekk riedx jixtri haxixa tal-cannabis tajba bil-prezz ta' €1000 minflok €1700, u hu accetta. Kien mar Bahar ic-Caghaq fejn iltaqa' mal-imputati li kienu f'karozza ohra u imbaghad giet koppja ohra f'karozza ohra u qalulhom biex isegwuhom, u saqu ghal go *side road* f'parti mwarrba (*"secluded")* tat-triq. Sean nizel ikellem lill-koppja u imbaghad mar jigbor xi haga mill-art minn go qisa' ghalqa. Sean tah il-pakkett tal-haxixa u Bajada tah €800 ghax ma kellux l-€1000 kollha li talbuh. Bajada jghid li wara li rcieva l-pakkett huwa telaq minn fuq il-post, u ta r-rimanenti bilanc ta' €200 lil Sean

[5] Ara Dok OD2 fil-process ezebit fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2012.

f'pagamenti zghar. Huwa qatt ma rega' ra lill-koppja qabel jew wara dan l-incident.

Bajada jghid ukoll li darb'ohra Sean staqsieh jekk iridx jixtri 100 grammi rezina tal-cannabis bil-prezz ta' €350 minflokk €500, u hu accetta. Marru fil-parking area tal-isptar Zammit Clapp, u waqt li kienu qed jistennew ragel mghammad hareg minn bejn is-sigar u sparalu *shot* minn *taser* u ordnalu jtih il-flus. Bajada tah €100. Pero dan ir-ragel ma agixxiex bl-istess mod mal-imputati u Bajada jissuspetta li dan kien *frame up* li jinvolvi wkoll lill-imputati.

Bajada jghid li hu darba ta xi ftit cannabis grass u rezina b'xejn lil Sean. Hu innega li Andre Falzon kien halla l-kartiera tieghu fil-penthouse fejn kien qed jabita. Hu qal li dak in-nhar li hadulu l-pakkett tal-haxixa, Falzon kien qallu li kien halla €700 u li l-kartiera kienet ta' Sean Farrugia mhux tieghu (cioe ta' Falzon).

Fl-ahhar tal-istqarrija guramentata tieghu, Bajada jghid li fil-bidu li sar jaf lill-imputat Sean Farrugia, dan tal-ahhar kien offrielu li jbieghlu kapsula kokaina ta' circa 10 grammi, imma Bajada ma accettax ghalkemm l-imputat Farrugia baqa' jinsisti mieghu ghal xi gimghatejn.

Kemm David Bajada, kif ukoll iz-zewg imputati xehdu f'dawn il-proceduri. Meta tela' jixhed David Bajada, il-proceduri kriminali kontrieh kienu intemmu.

Din il-Qorti tibda biex tghid illi skond il-gurisprudenza stabbilia meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[6] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub*

[6] *Per* Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano.

*kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[7]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tax-xhieda u dikjarazzjonijiet tal-imputat Andre Falzon fil-konfront tal-imputat Sean Farrugia, u vice versa.

Kif diga' inghad, din il-Qorti, kellha l-opportunita li tara kemm lix-xhud David Bajada kif ukoll liz-zewg imputati jixhdu, u fl-opinjoni kunsidrata taghha, il-verzjoni tal-fatti moghtija mix-xhud David Bajada hija l-wahda attendibbli. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghaliex fil-waqt li x-xhud David Bajada baqa' konsistenti fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti u rega' irrepeta fil-partijiet rilevanti dak li huwa kien ga qal fl-istqarrija guramentata tieghu, l-imputati min-naha l-ohra ma kienux hekk konsistenti fid-dikjarazzjonijiet u x-xhieda rispettivi taghhom infushom.

Il-Qorti se tibda biex tissenjala l-inkonsistenzi u diskrepanzi fid-dikjarazzjonijiet u xhieda ta' Andre Falzon.

Filwaqt li fl-istqarrija guramentata tieghu Andre Falzon cahad li qatt xtara droga minghand Bajada, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-ewwel qal li gieli ta l-flus lil haddiehor biex jixtrilu hu,[8] ftit minuti wara jghid li dak inhar tal-incident meta Sean Farrugia ha l-pakkett tal-haxixa *"konna sejrin ghandu biex inpejpu"*. Wara jghid li Bajada kien izomm *"il-blokka"* ghalih ghax kienet tajba u l-grass kien ibieghha lil min kien jigi ghax ma kienitx tajba u li anki gieli ta minnha lill-imputati. Dan ifisser li l-imputat Falzon

[7] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**
[8] Fol. 218 tal-process.

mhux biss kien jaf li Bajada kellu l-pakkett tal-haxixa, izda wkoll li gieli ha minnha, u kien imur regolari bizzejjed ghand Bajada li kien jaf fejn kien izomm il-pakkett tal-haxixa. Fil-fatt iktar tard fix-xhieda tieghu, Falzon jghid hekk: *"Kont naf fejn kien iqieghdu l-pakkett ghax meta kien igibilna kien jiftah il-cupboard tal-kcina. Ma kienx xi mkien mohbi jew hekk. Jaghtina minn hemm. Jitfa' fuq il-mizien u jiccekkja kemm fiha u jaghtihielna."*[9]

A fol. 220 tal-process, l-imputat Falzon jerga jirrepeti li hu qatt ma ta flus lil Bajada, imma a fol. 223 jghid li *"Ahna konna nixtru minghandu … …"* u l-istess diskors jerga' jghidu a fol. 226 u 227 tal-process. Fil-fatt mistoqsi mill-Qorti kif kien jaf li l-haxixa kienet hazina, Falzon wiegeb *"Ghax konna nixtru minghandu. Kont naf x'inhi. Kont ilni zmien inpejjep jien."*[10] Iktar tard jispjega fix-xhieda tieghu li ghand David Bajada *"Konna immorru darbtejn jew tliet darbiet fil-gimgha. Ghax ahna konna nixtru wahda, gramma, jigifieri, u dik ma sservikx hafna zmien."* Dan meta fl-istqarrija guramentata tieghu kien xehed li ma kellux problemi bid-drogi, u li qatt ma xtara droga minghand Bajada.

Interessanti wkoll il-fatt, li fix-xhieda ulterjuri li ta quddiem il-Magistrat li quddiemha ikkonferma l-istqarrija bil-gurament, l-imputat Falzon xehed li peress li kien jaf li Bajada kien ibiegh id-drogi, qatt ma qallu x'jismu proprju. Fil-fatt Bajada, kemm fix-xhieda guramentata tieghu, kif ukoll quddiem din il-Qorti jirreferi ghalih bhala James, u mhux Andre. Dan il-fatt jindika li l-imputat Falzon ried jahbi l-identita vera tieghu minn Bajada. Ir-raguni li ta Falzon ghaliex ried jaghmel dan, u cioe ghaliex kien jaf li Bajada jbiegh id-droga, mhix wahda attendibbli, iktar u iktar meta wiehed iqis li skont il-verzjoni ta' l-istess Falzon hu kien biss jixtri d-droga minghand Bajada.

Kontradizzjoni ohra hija li filwaqt li fix-xhieda tieghu Falzon jghid li hu u Sean ma kienux hbieb ta' Bajada izda klijenti,[11] huwa jghid ukoll li dak in-nhar tal-incident tal-

[9] Fol. 230 tal-process.
[10] A fol. 227 tal-process.
[11] A fol. 230 tal-process.

kartiera, meta marru ghand Bajada *“ahna ma morniex 5 minuti u tlaqna ‘l hemm. Morna u pejjipna hemmhekk u nahseb ghamilna nofs siegha hemmhekk u xghelna t-television u l-laptop … …”*[12] Dan certament huwa agir ta’ hbieb u juri li ghall-inqas l-imputat Falzon ma’ kienx semplici klijent kif jipprova jaghti l-impressjoni l-istess Falzon.

In vista ta’ dawn id-diskrepanzi u inkonsistenzi, il-Qorti ma tqisx li l-verzjoni, jew ahjar verzjonijiet tal-fatti moghtija mill-imputat Andre Falzon huma attendibbli.

Ghal dak li jirrigwarda id-dikjarazzjonijiet u xhieda tal-imputat l-iehor Sean Farrugia, fl-istqarrija guramentata tieghu l-imputat Sean Farrugia jghid li meta Bajada induna li kien hadlu l-pakkett tal-haxixa, Bajada cempel lil Andre *“ghax in-numru tieghi ma jafux.”* Pero meta xehed quddiem il-Magistrat li quddiemha ikkonferma l-istqarrija, huwa biddel din il-parti, u qal li Bajada fil-fatt kellu n-numru tieghu.[13] Min-naha l-ohra, fl-istqarrija guramentata tieghu Bajada ta zewg numri tal-mobajls ta’ Sean, billi skond ix-xhud Bajada *“he changes it regularly.”* Certament mhux normali li zghazugh ta’ 20 sena li *ex admissis* ma jahdimx,[14] ikollu zewg numri tal-mobajl u *di piu* joqghod ibiddilhom regolarment.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat Sean Farrugia jghid li hu ilu tlett snin ipejjep il-haxixa u r-raza tal-cannabis, pero mhux regolarment u li hu xtara darbtejn biss minghand Bajada, kemm haxixa kif ukoll raza tal-cannabis. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, huwa jghid *“jiena kont inpejjep hafna dak iz-zmien u kont addict hafna.”*[15]

Ghalkemm fix-xhieda tieghu Sean Farrugia jghid li ma tantx kien jaf lil David Bajada, peress li *“jiena just nixtri minghandu kont”*,[16] u li *“normalment jiena nixtri u nitlaq”*[17], meta kien qed jirrakkonta fuq l-incident tal-kartiera tal-

[12] A fol. 229 tal-process.
[13] Ara Dok OD 2
[14] Ara stqarrija guramentata tal-imputat Sean Farrugia fid-Dok OD2 tal-process.
[15] Ara fol. 238 tal-process.
[16] Ara fol. 239 tal-process.
[17] Ara fol. 240 tal-process.

imputat Falzon jghid li Bajada stiedinhom biex joqghodu hemm, wara li hu, l-imputat Sean Farrugia, kien xtara, u ikompli jghid hekk: *"fis-sens meta nkunu hemm konna naghmlu joint minn tieghu hekk, kien ihallina. L-iktar ghalhekk konna nibqghu hemm."*[18] Dan juri li l-imputat Sean Farrugia kellu kunfidenza joqghod id-dar ta' Bajada u jaghmel xi joint mir-raza/haxixa tieghu. Fil-fatt iktar tard xehed li bil-permess ta' Bajada gieli ha xi bicciet zghar tar-razina jew bicciet tal-grass li jkunu jigru fuq il-mejda.[19]

Iktar tard in kontro-ezami, meta mistoqsi kemm kien imur spiss ghand Bajada u jekk hux wahdu, jghid illi: *"Forsi mill-hames darbiet li mort, forsi darbtejn ma Andre u tliet darbiet wahdi."*[20] Apparti li dan ma jaqbilx ma' dak li qal fl-istqarrija guramentata, u cioe li kien xtara biss darbtejn minghand Bajada, dan huwa inkonsistenti mal-fatti li, kif diga inghad mil-mod kif xehed quddiem din il-Qorti huwa wera li kellu kunfidenza ma' Bajada. Inoltre, mill-istqarrija guramentata tieghu, jirrizulta li l-imputat Sean Farrugia tant kien jaf tajjeb lil Bajada, li kien anke jaf liema karozzi juza u li ghal tal-inqas wahda minnhom kienet tat-tfajla ta' Bajada. Inoltre fix-xhieda tieghu, l-imputat Sean Farrugia jghid li hu kien jaf li l-pakkett tal-haxixa kien fil-cupboard tal-kcina ta' Bajada, ghaliex kien jarah meta kienu jmorru jinqdew minghandu u gieli pejjep minnha.[21]

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet, il-Qorti ssib li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat Sean Farrugia ukoll mhix wahda attendibbli.

Min-naha l-ohra, kif diga inghad, ix-xhud David Bajada baqa' dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti. L-unika punt gdid li hareg fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, li ma kienx hareg fl-istqarrija, huwa li fil-bidu li sar jaf lill-imputati, huwa kien ta €900 lill-imputat Andre Falzon biex igiblu sapuna, cioe raza tal-cannabis, pero l-imputat Falzon qatt ma gabielu u lanqas tah il-flus lura.[22] Biex

[18] Ara fol. 240/1 tal-process.
[19] Ara fol. 247 tal-process.
[20] Ara fol. 244 tal-process.
[21] Ara fol. 245 tal-process.
[22] Ara fol. 173 u 203 tal-process.

jikkompensawh ghal dawk id-€900, Bajada jghid li l-imputati offrewlu li jekk ibieghilhom 10 kapsoli kokaina, ituh wahda b'xejn, u jtuh lura l-flus li l-imputat Falzon kellu jaghtih,[23] pero mill-provi ma jidhirx li Bajada accetta. Fix-xhieda tieghu, Bajada jghid ukoll li l-incident tal-kartiera inqala' fl-istess jum tal-incident fil-parking tal-isptar Zammit Clapp, izda wara dan l-incident.[24] Bajada jichad li hu kien ibiegh id-droga lill-imputati.[25]

Fil-qosor, skont il-verzjoni tal-fatti tal-imputat Bajada hu gie offrut/xtara/jew prova jixtri d-droga minghad l-imputati f'dawn l-okkazzjonijiet:

1. meta l-imputat Sean Farrugia offrielu li jbieghlu kapsula kokaina ta' circa 10 grammi, izda Bajada irrifjuta.
2. meta l-imputat Andre Falzon offrielu li igiblu sapuna (rezina tal-cannabis) tal-valur ta' €900, u fil-fatt tah dawn il-flus, izda Falzon qatt ma gablu is-sapuna, u lanqas tah lura l-flus.
3. meta l-imputati offrewlu li jtuh 10 kapsoli kokaina biex ibighhomlom u jaghtuh kapsula b'xejn, flimkien mad-€900 li l-imputat Falzon kellu jtih.
4. meta l-imputati agixxew bhala intermedjarji biex hu xtara il-pakkett ta' haxixa bil-prezz ta' €1000 minghand terzi li baqghu injoti, go triq f'Bahar ic-Caghaq,
5. meta l-imputati bieghulu 0.7 grammi kokajina.
6. meta l-imputati offrewlu li jixtri 100 gramm rezina tal-cannabis, u hu mar fil-karozza maz-zewg imputati fil-parking tal-Isptar Zammit Clapp biex jixtri din id-droga, izda waqt li kienu jistennew ragel mghammad tah tir ta *taser* u talbu l-flus. Wara li tah il-flus, Bajada qal lill-imputati biex jitilqu minn fuq il-post.

Huwa vera li hafna mill-imputazzjonijiet kontra l-imputati huma imsejsa fuq dak li xehed David Bajada, li hu innifsu ghadda proceduri kriminali ghal traffikar tad-droga cannabis u ibbenefika minn riduzzjoni fil-piena taht l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 talli assista lill-pulizija fl-investigazzjoni tal-imputati odjerni u talli kellu jixhed

[23] Ara fol. 172 tal-process.
[24] Ara fol. 190 tal-process.
[25] Ara fol. 199 – 200 tal-process.

f'dawn il-proceduri.[26] Pero wara li din il-Qorti fliet sew kemm l-istqarrija guramentata kif ukoll rat u semghet ix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti, u regghet fliet it-traskrizzjoni taghha, fl-opinjoni kunsidrata ta' din il-Qorti din l-istqarrija guramenta u ix-xhieda huma attendibbli u veritieri. Mill-atti jirrizulta, li fiz-zmien li Bajada sar jaf lill-imputati huwa kien persuna vulnerabbli li kellu tant problemi gravi mal-familja tieghu li kien qed jghix go penthouse wahdu, anke jekk kellu biss 20 sena, u kellu bzonn hafna ta' affett uman. Kien qed isib rifugju fl-abbuz tad-droga kemm biex jimla l-vojt f'hajtu kif ukoll biex izomm cirku ta' hbieb, anke jekk dan kien jaghmlu tramite l-abbuz tad-droga nfisha. Dan jirrizulta kemm mill-istqarrija guramenta u mix-xhieda tieghu, kif ukoll mir-ritratti li ttiehdu mill-pulizija tal-istat zdingat tal-penthouse li fiha kien jghix, u li fiha instabu bicciet zghar tar-raza tal-cannabis, u pjanti zghar tal-haxixa.[27]

Id-difiza ippruvat tiskredita lil Bajada fuq erba' punti principali:

1. li hu kien jikkoltiva il-haxixa, u ghalhekk ma kellux raguni ghalfejn jixtri haxixa. Pero kif xehed ix-xhud Bajada stess,[28] u kif jirrizulta mir-ritratti ezebiti[29] dawn il-pjanti kienu ghadhom zghar wisq fiz-zmien li Bajada inqabad mill-Pulizija, u ghalhekk ma setghax jutilizzahom.
2. illi Bajada mhux kredibbli ghaliex filwaqt li fl-istqarrija guramentata qal li kellu problema ta' flus u dejn man-nies, u biex inaqqas l-ispejjez kien jikkoltiva l-pjanti tal-cannabis, fix-xhieda tieghu jghid li missieru kien itih flus kemm irid.[30] Pero fl-istqarrija tieghu, Bajada jghid li kien ukoll jissellef minghand ommu u minghad terzi, u fix-xhieda tieghu quddiem il-magistrat li quddiemha inhalfet l-istqarrija, xehed ukoll li kellu hafna problemi id-dar, tant li kien jghix wahdu go penthouse li kien jikri. Missier Bajada huwa persuna li kienet u ghada tokkupa hafna karigi

[26] Ara sentenza **Il-Pulizija v. David Bajada** deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-4 ta' April 2011.
[27] Ara ritratti fir-rapport ta' PS186 Kristian Mintoff ezebit bhal Dok KM a fol. 47 tal-process.
[28] Ara fol. 192 tal-process.
[29] fir-rapport ta' PS186 Kristian Mintoff ezebit bhal Dok KM a fol. 47 tal-process.
[30] Ara fol. 195 tal-process.

prestigjuzi,[31] u ghalhekk il-Qorti ma tara xejn stramb illi missier David Bajada kien fl-ahhar tal-argumenti mat-tifel icedi u jaghtih il-flus kollha li kien jitolbu, kemm biex forsi jixtrih, kif xehed David Bajada stess,[32] kif ukoll wiehed ragonevolment jahseb biex l-abbuz ta' ibnu mid-droga ma jigix mikxuf fil-pubbliku.

3. L-imputat Andre Falzon xehed li kien hemm persuni li qalulu li Bajada xehed kif xehed ghaliex ried ipattihielu talli kixfu mal-pulizija u ghamillu il-*"frame-up".* Ghalkemm fix-xhieda tieghu l-imputat Andre Falzon semma xi nies b'isimhom li qal li semghu lil Bajada jghid diskors f'dan is-sens,[33] dawn in-nies qatt ma ngabu jixhdu quddiem din il-Qorti. Ghalhekk din hija allegazzjoni mhux pruvata, u fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Bajada qatt ma deher li kien qed jixhed iggwidat minn sentiment ta' vendikazzjoni.

4. Id-difiza ukoll allegat mhux verosimili li Bajada, li *ex admissis* kien *heavy user* tal-cannabis xtara l-pakkett haxixa u hallih hemm ghal circa xahar u nofs. Fil-fatt, fix-xhieda tieghu Bajada jghid li l-pakkett kien miftuh u kien juzah biex isajjar bih, ghaliex ma kienitx haxixa ta' kwalita tajba, u ghalhekk kien jippreferi ipejjep ir-rezina.[34] Fil-fatt anki r-ritratti fid-Dok PG juru li l-pakkett tal-haxixa kien miftuh fuq naha wahda.[35]

In vista tas-suespost, l-ezercizzju li trid taghmel issa din il-Qorti hu li tiddeciedi jekk l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati gewx pruvati 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghal dan il-ghan, il-Qorti se tikkunsidra l-imputazzjonijiet wahda wahda.

*a) assocjazzjoni fil-bejgh jew ittraffikar tal-pjanta cannabis*

L-Artikolu 22(1A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi illi: *"L-assocjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu precedenti tezisti malli*

[31] Ara fol. 202 tal-process.
[32] Ara fol. 196 tal-process.
[33] Ara fol. 231 tal-process.
[34] Ara fol. 202 tal-process.
[35] Ara r-ritratti fid-Dok PG a fol 42 tal-process, li jikkontjeni r-relazzjoni tal-esperti Scene of Crime Officers PS1146 Antoine Fenech u PS1184 Patrick Grech.

*jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu."*

Dan is-subartikolu gie interpretat fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Steven John Caddick et**, deciza fis-6 ta' Marzu 2003, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irriteniet hekk:

*"This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of consipiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy;*

*Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is neccessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy <u>and</u> the attempted or consummated offence of dealing with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principles or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."*

Ghalhekk sabiex din l-imputazzjoni tigi pruvata irid ikunu jezistu tlett elementi (i) ftehim bejn tnejn minn nies jew

izjed, (ii) l-intenzjoni li tigi traffikata d-droga u (iii) ftehim dwar il-mezzi li ghandhom jintuzaw.

Ghal fini tal-prov ta' din l-imputazzjoni, ix-xhud ewlieni huwa David Bajada. Huwa xehed kif l-imputati kienu tawh informazzjoni dwar il-possibilita li jixtri ammont sostanzjali ta' haxixa bi prezz tajjeb hafna minghand terzi u huwa accetta. Fil-fatt il-prezz kien gie ukoll specifikat fil-bidu ta' dan il-ftehim li l-imputati ghamlu negozjati ma' terzi ghan-nom ta' Bajada. Ghalhekk l-element ta' ftehim u l-element tal-intenzjoni li tigi ttraffikata d-droga gew ippruvati.

Fir-rigward tat-tielet element, cioe l-ftehim dwar il-mezzi li ghandhom jintuzaw, Bajada xehed f'dettal kbir kif sar l-inkontru mat-terzi persuni, kif diga gie spjegat aktar il-fuq. Huwa inghata istruzzjonijiet mill-imputati biex imur hdejn il-gabbana tal-gelati f'Bahar ic-Caghaq, fejn iltaqa' mal-imputati li kienu f'karozza ohra u imbaghad giet koppja ohra f'karozza ohra u qalulhom biex isegwuhom, u saqu ghal go *side road* f'parti mwarrba (*"secluded")* tat-triq. Sean Farrugia nizel ikellem lill-kopja u imbaghad mar jigbor xi haga mill-art minn go qisa ghalqa. Sean tah il-pakkett tal-haxixa u Bajada tah €800 ghax ma kellux l-€1000 kollha li talbuh. Bajada jghid li wara li rcieva l-pakkett huwa telaq minn fuq il-post, u ta r-rimanenti bilanc ta' €200 lil Sean f'pagamenti zghar. Huwa qatt ma rega' ra lill-koppja qabel jew wara dan l-incident. Minn din ix-xhieda, huwa car, li l-imputati u t-terzi kienu ftiehmu sa l-icken dettal, kif kellu jigi ttraffikat dan il-pakkett tal-haxixa.

Meta nstab mill-pulizija dan il-pakkett haxixa kien jizen 684 grammi.[36] Bajada xehed li hu kien uza dan il-pakkett, u fil-fatt il-plastic kien miftuh fuq naha wahda. Ghalhekk huwa ragonevoli li wiehed jipprezumi li meta saret din it-transazzjoni, il-pakkett kien jizen aktar.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni giet ippruvata kontra iz-zewg imputati sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

[36] Ara xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut a fol. 137 tal-process.

*b) traffikar tad-droga kokaina*

Din l-imputazzjoni tohrog mix-xhieda ta’ David Bajada li jghid li f’okkazzjoni minnhom xtara minghand l-imputati 0.7 grammi ta’ kokaina.

Bajada jghid ukoll li f’okkazzjoni minnhom l-imputat Sean Farrugia kien offrielu li jbieghlu kapsula ta’ circa 10 grammi kokaina, u f’okkazzjoni ohra, iz-zewg imputati offrewlu li jbiegh il-kapsoli bid-droga kokaina, sabiex l-imputat Falzon ikun jista jhallsu (lil Bajada) d-dejn ta’ €900 li kellu mieghu.

L-Artikolu 22 (1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jippreskrivi *inter alia* illi *“Għall-finijiet ta’ din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b’riferenza għal traffikar f’mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f’dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta’ informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta’ tali mediċina bi ksur ta’ din l-Ordinanza:”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali[37] fis-sentenza deciza fit-8 ta’ Frar 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Domenic Fava**: *“Skond l-Artikolu 22 (1B) tal-Kap. 101, li wiehed joffri li jipprovdi d-droga – u li wiehed joffri li jbiegh minn dak li jkollu fuqu jammonta ghal offerta ta’ provvista – jammonta ghal traffikar f’dik id-droga. U dan apparti li t-tentattiv ta’ bejgh ta’ droga, li f’dan il-kaz certament kien hemm, hu punibbli daqs li kieku r-reat gie kkunsmat – ara Artikolu 22(5) tal-Kap. 101.”* (enfasi ta’ dik il-Qorti).[38]

Ghaldaqstant, l-offerti tal-imputati li jbieghu lil Bajada kapsoli ta’ kokaina jammontaw ukoll ghar-reat tat-traffikar ta’ droga, ghalkemm Bajada ma accettax.

---

[37] *Per* Onor. Imhallef Vincent De Gaetano.
[38] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Ronald Psaila** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Onor. Imhallef V. De Gaetano) fit-8 ta’ Jannar 2002.

In vista tas-suespost, dan ir-reat gie wkoll pruvat mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*c) pussess semplici tad-droga kokaina.*

Din l-imputazzjoni ukoll tohrog mix-xhieda ta' David Bajada li xehed li *"They came to my house and they had cocaine on them and I bought a gram for 50 Euro."*[39] Il-Qorti tosserva li fix-xhieda guramentata tieghu, Bajada jghid li hu xtara 0.7 ta' gramma ghal 50 Euro, pero din id-differenza minima fil-piz, fid-dawl ta' dak li inghad iktar il-fuq, hija insinifikanti.

Ghalhekk anki din l-imputazzjoni kontra l-imputati hija pruvata skont il-ligi.

*d) kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta cannabis, f'cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom*

Qabel ma tghaddi biex tanalizza l-fattispecje tal-kaz odjern, il-Qorti tixtieq taghmel riferenza ghal dak li irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali[40] fis-sentenza deciza fit-2 ta' Settembru 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jason Mallia**: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex tikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi*

[39] Ara fol. 170 tal-process.
[40] *Per* Onor. Imhallef Vincent De Gaetano.

*hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati." Fi kliem iehor jekk persuna jkollha pussess ta' droga* <u>*li mhix bi hsiebha tuza*</u>*, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk persuna li ma jkollhix il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skont il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv tieghu."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

Din il-Qorti issa se tapplika dawn il-principji ghall-fatti specje tal-kaz odjern.

Fl-istqarrija u fix-xhieda guramentata tieghu Sean Farrugia jammetti li hu ha l-pakkett ta' haxixa minghand David Bajada, kif diga intqal iktar il-fuq. Dan il-pakkett kien jizen 684 grammi.[41] L-imputat Sean Farrugia jammetti ukoll li hu ghadda dan il-pakkett lill-ko-imputat Andre Falzon - u fil-fatt il-pulizija sabet din id-droga fid-dar tal-imputat Andre Falzon - biex dan tal-ahhar izommha sakemm Bajada jaghtih (lill-imputat Falzon) il-kartiera bl-€400 li allegatament l-imputat Falzon kien nesa fil-penthouse ta' Bajada. Ghalhekk l-imputat Farrugia ma hax dan il-pakkett ghall-uzu tieghu, imma biex jghaddih lill-imputat Falzon. Fil-fatt fl-istqarrija guramentata tieghu, hu jghid li l-imputat Falzon *"zamm il-pakkett li kont hadt jien mil-flat tac-cheesy* (il-laqam ta' David Bajada) *ghandu, ghax ovvjament jien kont hadtu bi pjacir ghal siehbi."* Ghalhekk l-imputat Farrugia ma hax il-pussess tal-pakkett tal-haxixa ghall-uzu personali tieghu, izda biex jghaddih lil siehbu Falzon.

---

[41] Ara xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut a fol. 137 tal-process.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat Farrugia jkompli jispjega hekk: *"Tajtu lil Andre ghax jien ma kellix x'naqsam mal-flus tieghu, imma bil-patt u kundizzjoni li jekk ma jaghtihilux, kont niehu xi haga minnha jiena u npejjep minna jiena wkoll."*[42] (enfasi tal-Qorti) Anki jekk ghal grazzja tal-argument Farrugia qal dan id-diskors lil Falzon, dan fi kwalunkwe kaz ifisser li Farrugia qatt ma kellu l-intenzjoni li juza l-pakkett haxixa li ha minghand Bajada esklussivament ghalih.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni ta' pussess aggravat tal-pjanta cannabis hija sodisfacentement pruvata fil-konfront tal-imputat Farrugia.

Ghal dak li jirrigwarda l-imputat Andre Falzon, mhux kontestat li hu nstab mill-pulizija fil-pussess materjali ta' dan il-pakkett. Fl-istqarrija guramenta tieghu, Falzon jghid, li wara l-glieda li kellu ma Bajada fuq il-kartiera, hu u l-imputat Sean Farrugia dahlu fil-karozza tal-istess Falzon u *"Shawn urieni pakkett, l-istess pakkett bid-droga cannabis li sabu il-pulizija taht it-tavolina fid-dar fejn noqghod G'Mangia u qalli "qabel ma jtik il-flus lura ittijulux il-pakket". Jien dak il-hin ghidtlu ok … … Wara bqajna sejrin id-dar tieghi u zammejtu jien."* Fix-xhieda tieghu, Falzon jghid li jekk Bajada *"ma kienx ser ihallasni lura ghax hi* (il-haxixa) *hazina totalment kienet u tpejjipha bil-fors u konna ser inzommuha ahna kieku ma hallasniex ghax ahna t-tnejn konna npejpju jigifieri."*[43]

Ghalhekk l-imputat Falzon *ex admissis* kien qed izomm il-pakkett tal-haxixa jew biex jirritornah lil Bajada jekk dan tal-ahhar itih il-kartiera bil-flus, jew jekk Bajada jonqos li jaghmel dan, ipejjipha hu u jaghti minnha l-imputat Sean Farrugia. Fiz-zewg ipotezijiet, l-imputat Falzon ma kienx qieghed izomm il-pakkett tal-haxixa ghall-uzu esklussiv tieghu.

In oltre, il-Qorti tirrileva illi dan il-pakkett kien jizen 684 grammi.[44] Skont ix-xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut, a

[42] Ara fol. 241 tal-process.
[43] Ara fol. 223 tal-process.
[44] Ara xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut a fol. 137 tal-process.

bazi ta’ kalkoli xjentifici, minn dan il-pakkett kienu johorgu 3420 dozi, u kull doza isservi qisu 3 sighat.[45] Dan ifisser li jekk bniedem ma jorqodx u jiehu 8 dozi kuljum (24 siegha divizi bi 3 sighat), ikollu dozi ghal 427 gurnata. Fis-sentenza **Pulizija v. Ninian Mangion** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[46] fid-9 ta’ Mejju 2010, gie ritenut illi: *“Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista’ tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: “**Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**” [2.9.1999].”*

Ghaldaqstant, anki din l-imputazzjoni kontra l-imputati hija sodisfacentement pruvata skont il-ligi.

*e) pussess semplici tar-raza tal-cannabis*

L-imputat Sean Farrugia jammetti li hu kien jabbuza mir-raza tal-cannabis kemm fl-istqarrija guramentata kif ukoll fix-xhieda tieghu.[47] Inoltre, fl-istqarrija guramenta tieghu, David Bajada ukoll jghid li darba ta lil Sean kwantitajiet zghar ta’ haxixa u raza tal-cannabis li kellu fuq il-mejda minghajr hlas. Ghalhekk fil-konfront tal-imputat Sean Farrugia, din l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata.

Ghalkemm fix-xhieda guramentata tieghu, l-imputat Andre Falzon jghid li ma kellux problema bid-droga cannabis, fix-xhieda tieghu kif citata aktar il-fuq hu jammetti li kien ipejjep il-cannabis. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, hu jghid ukoll li kien jabbuza mill-*“blokka”* tar-rezina tal-cannabis.[48] Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata wkoll fil-konfront tal-imputat Falzon.

*f) L-imputat Sean Farrugia huwa akkuzat wahdu li ttraffika fil-pjanta Cannabis.*

[45] Ara xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut a fol. 137 tal-process.
[46] *Per* Onor. Imhallef Joseph Galea Debono
[47] Ara fol. 247 tal-process.
[48] Ara fol. 228 u fol. 232 tal-process.

Kif diga gie citat iktar il-fuq, l-imputat Sean Farrugia ammetta kemm fl-istqarrija guramentata tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu, li hu ta l-pakkett tal-haxixa li kien ha minghand Bajada lill-imputat Andre Falzon. Skont l-imputat hu ghamel dan, peress li Bajada ma riedx jaghti lill-imputat Falzon il-kartiera bil-flus li Falzon jallega li nesa ghand Bajada. Ghalkemm, l-imputat Farrugia ma irceviex flus talli ta dan il-pakkett lil Falzon, l-agir tieghu xorta jaqa' fit-terminu ta' *"traffikar"* kif definit fl-Artikolu 22 (1B) tal-Kapitolu 101 fuq citat.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, l-abbli difensur tal-imputat Sean Farrugia issottomettiet illi meta l-imputat Farrugia ha l-pakkett minghand Bajada huwa kellu intenzjoni li juzaha u jpejjipha, u ghalhekk dan kien kaz ta' *sharing*.

Il-*proviso* tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 jippreskrivi illi: *"Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation,, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:"*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Marco Galea** deciza fil-5 ta' Mejju 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali[49] irriteniet: *"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element tal-komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga* <u>*intiza ghalih*</u> *jiddeciedi li jaqsamha ma'*

[49] *Per* Onor. Imhallef Vincent De Gaetano.

*haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhuwa risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghal-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bil-fors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba[50], il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."*[51] (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li mill-istqarrija guramentata ta' l-imputat Farrugia li saret *a tempo vergine* din l-intenzjoni li jikkonsma l-pakkett tal-haxixa "fl-istess post" u "flimkien mal-imputat Andre Falzon" ma tirrizultax, ghax Farrugia bl-ebda mod ma jsemmi din l-intenzjoni, jew jaghmel l-icken accenn ghaliha. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Farrugia xehed hekk: *"Tajtu lil Andre ghax jien ma kellix x'naqsam mal-flus tieghu, imma bil-patt u kundizzjoni li jekk ma jaghtihilux, kont niehu xi haga minnha jiena u npejjep minna jiena wkoll."*[52] Anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss sar dan id-diskors, dan il-kliem daqshekk vag certament ma jissodisfax l-elementi ta' *trafficking by sharing* kif previst fl-ewwel *proviso* tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101, u kif interpretat fil-gurisprudenza, stante li ma jindikax li l-imputat Farrugia kellu intenzjoni jikkonsma il-pakkett tal-haxixa li kien ta lill-imputat Falzon necessarjament fl-istess post u dejjem flimkien mal-istess Falzon. Hawnhekk wiehed ma jridx jinsa li mhux qed nitkellmu fuq doza jew tnejn ta' droga,

---

[50] *Ara it-tieni provisio tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 22: "Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jigi minnufih qabel dan."*

[51] Ara fl-istess sens **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Onor. Imhallef Vincent De Gaetano) fil-5 ta' Mejju 2008, **Il-Pulizija v. Tony Armando Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Onor. Imhallef Joseph Galea Debono) fit-12 ta' Gunju 2008 u **Il-Pulizija v. Robert Attard** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Onor. Imhallef Joseph Galea Debono) fit-26 ta' Marzu 2009.

[52] Ara fol. 241 tal-process.

imma fuq kwazi 3500 doza, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ewwel *proviso* tal-Artikolu 22(9) ma japplikax.[53]

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti issib li din l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat Sean Farrugia giet ippruvata skont il-ligi.

*g) L-imputat Andre Falzon hu akkuzat ukoll li hu recidiv.*

Din l-imputazzjoni hija ppruvata bis-sentenza ezebita mill-prosekuzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Andre Falzon** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 t'Ottubru 2007.[54] Il-konnotati relevanti tal-imputat f'dik is-sentenza jaqblu ma' dawk tal-imputat odjern.

*h) L-imputat Andre Falzon hu akkuzat ukoll li ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis*

Din l-imputazzjoni hija pruvata bix-xhieda ta' David Bajada quddiem din il-Qorti. Huwa xehed li fil-bidu li sar jaf l-imputati, huwa kien ta €900 lill-imputat Andre Falzon biex igiblu sapuna, cioe raza tal-cannabis, pero l-imputat Falzon qatt ma gabielu u lanqas tah il-flus lura.[55]

Ghar-ragunijiet spjegati iktar il-fuq, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, ix-xhieda ta' Bajada hija attendibbli, u ghaldaqstant tqis li din l-imputazzjoni giet ukoll debitament pruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Din il-Qorti ikkunsidrat li fil-konfront taz-zewg imputati ghall-fini tal-piena l-imputazzjoni (c) – pussess semplici

---

[53] Ara b'analogija **Il-Pulizija v. Robert Attard** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Onor. Imhallef Joseph Galea Debono) fit-26 ta' Marzu 2009.
[54] Ezebita bhala Dok DT7 a fol. 207 tal-process.
[55] Ara fol. 173 u 203 tal-process.

tad-droga kokaina – hija assorbita fl-imputazzjoni (b) – traffikar tad-droga kokaina – peress li serviet bhala mezz ghal fini ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-konfront tal-imputat Sean Farrugia biss, l-imputazzjoni (d) – pussess aggravat tar-raza cannabis – huwa assorbit fl-imputazzjoni (f) – traffikar tar-raza cannabis - peress li serva bhala mezz ghall-fini ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9.

Il-fedina penali aggornata ta' Sean Farrugia mhix wahda allarmanti, u fiha zewg kundanni ghal pussess semplici ta' drogi.

Il-fedina penali aggiornata ta' Andre Falzon hija iktar raffrettarja u fiha 6 kundanni ta' reati diversi fosthom, li hebb ghal missieru, falsifikazzjoni u frodi, pussess semplici tad-droga, sewqan ta' vettura minghajr licenzja u assikurazzjoni. Dawn il-Qrati dejjem taw cans lill-imputat u poggewh taht Ordni ta' Probation u inghata wkoll liberazzjoni kondizzjonata f'zewg okkazjonijiet, apparti xi multi, imma jidher li l-imputat baqa' ma tghallem xejn minn dawn l-opportunitajiet li gew offruti lilu.

Pero peress li l-imputat Andre Falzon ippartecipa f'*controlled delivery*, l-ufficjal prosekutur iddikjara fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu,[56] li dan l-imputat ghandu jibbenefika mill-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tqis li jkun xieraq li l-piena titnaqqas bi grad wiehed u l-piena pekunjarja titnaqqas b'terz. Pero dan il-beneficcju huwa newtralizzat bil-fatt li l-imputat Falzon huwa wkoll recidiv u ghalhekk il-piena tieghu ghandha tizdied bi grad.

Ikkunsidrat ukoll li l-ammont ta' haxixa tal-cannabis involut huwa wiehed pjuttost gholi. Jekk wiehed jiehu l-piz tal-pakkett li nstab fid-dar tal-imputat Andre Falzon, din kienet tizen 684 grammi.[57] Issa dan il-pakkett instab wara li

---

[56] Prezentata fid-29 ta' Mejju 2012.
[57] Ara xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut a fol. 137 tal-process.

kienet ilha diga circa xahar u nofs fil-pussess ta' David Bajada li kien uza minnha. Ghalhekk huwa ragonevoli li wiehed jipprezumi li meta l-imputati agixxew bhala intermedjarji sabiex Bajada xtara l-pakkett, dan il-pakkett kien jizen izjed. Pero jekk wiehed jiehu biss il-piz tal-pakkett kif instab mill-pulizija, skont ix-xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut, a bazi ta' kalkoli xjentifici, minn dan il-pakkett kienu johorgu 3420 dozi, u kull doza isservi qisu 3 sighat.[58]

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-imputati bieghu lil David Bajada 0.7 ta' gramma kokaina, u l-imputat Sean Farrugia offra li bieghlu kapsola kokaina ta' circa 10 grammi u li f'okkazzjoni ohra iz-zewg imputati offrewlu li bieghulu 10 kapsoli ta' kokaina.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu, stante li mhux biss jaghmel hsara, imma possibbilment jirvina anke zghazagh ohra.

Huwa vera li jidher pendenti dawn il-proceduri l-imputat Sean Farrugia ghamel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju ta' droga u ghamel programm fi hdan l-Agenzija Caritas, li temmu b'success.[59] Pero kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

[58] Ara xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut a fol. 137 tal-process.
[59] Ara xhieda ta' Jean Cali fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2012 tal-process.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Il-Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."*

Ghalhekk din il-Qorti sejra tnaqqas il-piena karcerarja tal-imputat Sean Farrugia biex tirrifletti iz-zmien li huwa ghamel fil-programm residenzjali. Ghalkemm it-tul ta' dan il-programm ma jirrizultax mill-atti, pero kif huwa risaput f'dan il-kamp, tali programm jiehu ghall-inqas sena. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tnaqqas il-piena karcerarja ta' l-imputat Farrugia b'sena.

## Konkluzjoni

*Fil-konfront tal-imputat Andre Falzon*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 8(d), 8(a), 8(b), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat Andre Falzon hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta’ sitt (6) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta’ erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mija u ghoxrin Euro (€120.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

*Fil-konfront tal-Imputat Sean Farrugia*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 8(d), 8(a), 8(e), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat Sean Farrugia hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta’ hames (5) snin prigunerija effettiva, u multa ta’ erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mija u ghoxrin Euro (€120.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

*Fil-konfront taz-zewg imputati*

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hatjin ihallsu nofs (1/2) kull wiehed l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – hlief l-ispejjez tal-espert PS 186 Kristian Mintoff li r-rapport tieghu jinsab ezebit bhala Dok KM a fol. 47 tal-process, u tal-espert PS964 Robert Scicluna li r-rapport tieghu jinsab ezebit bhala Dok RS1 a fol. 96 tal-process. Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hatjin jonqsu li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------